**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Ġunju, 2025**

Rikors Numru: 568/2024 AL

AB

Vs

CB

(M.R. Numru 1372/1983)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tarr-rikorrenti li permezz tieghu jesponi:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sena elf, disa' mija, tlieta u tmenin (1983), fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann tas-Salib, gewwa Ta' Xbiex, liema żwieġ huwa rregistrat mar-Registru Pubbliku bin-numru wiehed, tlieta, sebgha, tnejn żbarra wiehed, disgha, tmienja, tlieta (1372/1983) kif jirriżulta mill- Att taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala **'Dok A'**;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal, illum maġġorenni;

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar **Dottoressa Sylvana Borg Caruana** datat sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) kopja hawn annessa u mnarkata bħala **'Dok B'**;

4. Illi skont il-kuntratt hawn fuq citat il-partijiet ma għandhom ebda obbligu ta manteniment fil-konfront ta' xulxin stante rinunzja reċiproka li tirriżulta minn klawsola numru erbgħa (4) tal-anness kuntratt;

5. Illi in oltre lanqas ma hemm manteniment dovut lil ulied stante li dawn huma maġġorrenni;

6. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex, illum il-ġurnata l-partijiet għandhom ħajja totalment separata minn ta' xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-otteniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Illi għalhekk, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex issir id-debita annotazzjoni fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet li jġib in-numru 1372/1983.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimata li permezz taghha eċċepit illi:

ILLI l-esponenti ma topponiex li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tippronunzja l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet <u>diment u sakemm</u> l-pronunzjament tal-hall taz-zwieg ikun biss tibdil fl-istatus tal-partijiet u ma jaffettwax:

1. Id-drittijiet tal-esponenti naxxenti minn snin ta' zwieg li hija ghamlet mar-rikorrent, inkluz d-drittijiet tal-esponenti versu l-pensjoni tar-romol, kemm il-darba r-rikorrent jigi nieqes qabilha;

2. Id-drittijiet tal-esponenti patwiti bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat mill-partijiet fis-6 ta' Dicembru 2018; u

3. Id-drittijiet tal-esponenti mid-divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti u beni komuni tal-partijiet u l-ftehim bejn il-partijiet sussegwenti ghal tali divizjoni u assenjazzjoni ghal dak li jirrigwardja immobbli li l-partijiet zammew in komuni.

ILLI l-esponenti taqbel li ma hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni u li ma hemmx pendenzi ta' manteniment dovuti;

ILLI l-esponenti tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe **'D'** u li dan jigi rifless fid-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

ILLI finalment l-esponent topponi ghal ispejjez ta' din l-procedura li ghandhom jigu imhallsa fl-intier minn zewgha.

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar, 2025;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata qegħda titlob sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "D". Il-Qorti qegħda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti rnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Dicembru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "D", qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.